Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għas-Sajd

2023/0171(COD)

15.11.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar tniġġis ikkawżat mill-vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis
(COM(2023)0273 – C9-0187/2023 – 2023/0171(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Cláudia Monteiro de Aguiar

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar hija fil-qalba tal-Politika Komuni tas-Sajd, peress li s-settur tas-sajd huwa vittma tat-tniġġis tal-baħar li jinkludi, fost bosta sorsi oħra, l-iskariki illegali ta' sustanzi li jniġġsu fil-baħar mill-vapuri.

Għalhekk, ir-Rapporteur tilqa' din il-proposta tal-Kummissjoni li taġġorna d-Direttiva 2005/35/KE[1] dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal reati ta' tniġġis.

Ir-rapporteur tirrimarka li d-definizzjoni ta' tniġġis ikkawżat minn vapuri hija deskritta fl-Annessi I sa VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri, 1973, u l-Protokoll tagħha tal-1978 (Marpol 73/78), li huma legalment vinkolanti għall-Unjoni Ewropea. L-infurzar ta' standards ogħla se jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-settur tat-tbaħħir marittimu, li għandu dimensjoni tranżnazzjonali b'effetti pożittivi fuq l-ekosistemi tal-baħar u għaldaqstant fuq is-sajd.

Ir-rapporteur tilqa' l-limiti tal-emissjonijiet aktar stretti; madankollu, twissi li l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-emissjonijiet tal-ossidu tal-kubrit u tal-ossidu tan-nitroġenu mill-egżost tal-vapuri jista' jkollha impatt fuq il-flotta tas-sajd tal-UE, li hija primarjament magħmula minn bastimenti li qed jiqdiemu u li jappartjenu għal SMEs b'riżorsi limitati għall-investiment f'magni ġodda b'emissjonijiet baxxi. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex tkopri sustanzi addizzjonali fl-ambitu tal-Marpol 73/78 jeħtieġ li tiġi riflessa b'mod qawwi fil-FEMSA b'appoġġ akbar għal magni b'emissjonijiet baxxi u għat-tiġdid tal-flotta.
Ir-rapporteur tħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġa t-tiġdid tal-flotta permezz tal-FEMSA.

Ir-rapporteur tintroduċi wkoll definizzjoni ġdida għall-abbozz u tenfasizza l-ħtieġa ta' viġilanza f'żoni b'attività tas-sajd sinifikanti, filwaqt li tiddefendi l-kawża doppja ta' protezzjoni ekoloġika u sosteniment tal-komunitajiet tas-sajd. Ir-rapporteur tappella wkoll għal komunità marittima infurmata, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa ta' edukazzjoni u taħriġ.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur tirrakkomanda wkoll li l-inklużjoni ta' feedback mill-komunitajiet tas-sajd u approċċ kollaborattiv mal-partijiet ikkonċernati marittimi jenfasizzaw il-viżjoni sħiħa tad-Direttiva, li għandha l-għan li tibbilanċja l-protezzjoni ekoloġika mas-sostenibbiltà tal-komunitajiet tas-sajd.

Bħala konklużjoni, minbarra li jinkisbu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost il-flotot ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-ilmijiet tal-UE, ir-rapporteur tittama li dan se jiffaċilita kontrolli kkoordinati mill-Istati Membri, kif ukoll il-prosekuzzjoni u l-infurzar transfruntier, li fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal tnaqqis fit-tniġġis ikkawżat mill-vapuri.

EMENDI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

[1] ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-politika marittima tal-Unjoni timmira lejn livell għoli ta' sigurtà u ta' ħarsien tal-ambjent. Dan jista' jinkiseb permezz tal-konformità ma' konvenzjonijiet, kodiċijiet u riżoluzzjonijiet internazzjonali filwaqt li tinżamm il-libertà tan-navigazzjoni kif previst mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar.	(1) Il-politika marittima tal-Unjoni timmira lejn livell għoli ta' sigurtà u ta' ħarsien tal-ambjent. Dan jista' jinkiseb permezz tal-konformità ma' konvenzjonijiet, kodiċijiet u riżoluzzjonijiet internazzjonali filwaqt li tinżamm il-libertà tan-navigazzjoni kif previst mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar. ***F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-oċeani għandhom jiġu rikonoxxuti fil-livell internazzjonali bħala beni komuni globali u għandhom jiġu protetti fid-dawl tal-uniċità u l-interkonnettività tagħhom u s-servizzi essenzjali tal-ekosistema li jipprovdu, li fuqhom jiddependu l-ġenerazzjonijiet attwali u futuri għas-soppravivenza u l-benessri tagħhom.***

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-aħjar azzjoni fir-rigward tat-tniġġis u l-iskart tal-baħar hija li l-ewwel tiġi żgurata l-prevenzjoni tas-sustanzi niġġiesa milli jiġu skarikati fl-oċeani. Fid-dawl tal-prevalenza għolja ta' skart tal-polistiren espandut fl-ambjent tal-baħar, li hija spjegata mill-fatt li dawn il-prodotti, minħabba li huma ħfief, faċilment itiru minn fuq il-bastimenti u jispiċċaw fil-baħar, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-tneħħija gradwali tal-kontenituri u l-ippakkjar tal-polistiren espandut minn prodotti tas-sajd

f'konformità mal-ambizzjoni li l-plastik li jintuża darba jiġi sostitwit b'alternattivi durabbli li jibbenefikaw l-ambjent u s-sajjieda.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Huwa wkoll ta' importanza li jiġu appoġġati azzjonijiet biex jiġu rkuprati b'mod effettiv materjali u skart li jniġġsu skarikati. Is-sajjieda, il-produtturi tal-akkwakultura u l-organizzazzjonijiet tagħhom diġà qed jaħdmu biex jiġbru l-iskart inkluż irkaptu tas-sajd mitluf jew abbandunat fil-baħar u "rkaptu fantażma" li jirrappreżenta theddida għall-attivitajiet marittimi u l-ekosistemi kollha madwar id-dinja. Dawn l-isforzi ma jistgħux ikunu mistennija li jseħħu mingħajr mekkaniżmu ta' kumpens imfassal apposta għal dawn l-isforzi. Billi fl-UE, huwa stmat li 20 % tal-irkaptu tas-sajd jintilef fil-baħar, li jammonta għal kważi terz tal-iskart tal-baħar fl-ibħra Ewropej[18a] u 1,5 % biss tal-irkaptu tas-sajd mikula jiġi riċiklat[18b], hemm bżonn urġenti li jitjieb il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tiswija tal-irkaptu tas-sajd kollu u għalhekk hemm bżonn l-appoġġ. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw l-aħjar prattiki u jirrapportaw dwar l-azzjonijiet differenti tagħhom biex jirkupraw u jipprevjenu l-iskariku ta' materjali u skart li jniġġsu.

[18A] "Circular economy: From abandoned fishing nets to sustainable clothing" (L-ekonomija ċirkolari: Minn xbieki tas-sajd abbandunati għal ħwejjeġ sostenibbli), il-Kummissjoni Ewropea.

[18b] "Lost fishing gear: a trap for our

ocean" (Irkaptu tas-sajd mitluf: nassa għall-oċean tagħna), il-Kummissjoni Ewropea.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-flotta tas-sajd tal-UE għandha medja ta' 31,5 sena, it-tiġdid tal-flotta jenħtieġ li jiġi appoġġat permezz tal-FEMSA (ir-Regolament UE 2021/1139) li jikkontribwixxi biex jintlaħqu regolamenti ambjentali ta' livell dejjem ogħla, speċjalment għall-iżvilupp ta' sajd kostali fuq skala żgħira sostenibbli.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jinkludi obbligi ta' rapportar dwar irkaptu mitluf li l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tuża din l-informazzjoni li diġà waslet meta tevalwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-istat tal-Unjoni f'dan ir-rigward.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Ir-Regolament Nru 1224/2009 jikkunsidra r-rimi illegali ta' tagħmir jew tagħmir tas-sajd fil-baħar minn bastiment

	tas-sajd bħala ksur serju taħt dak ir-Regolament sakemm ikunu ġew issodisfati kriterji speċifiċi. Għal tali ksur hemm obbligi taħt ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 biex l-Istati Membri jkollhom sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali xierqa li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Il-penali amministrattivi introdotti fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2023/xxxx. L-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar tad-dritt amministrattiva u kriminali fir-rigward ta' reati ta' ***tniġġis ikkawżat mill-vapuri*** skont id-dritt nazzjonali tagħhom. Fl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2005/35/KE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impożizzjoni ta' pieni kriminali u ta' penali amministrattivi tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-projbizzjoni ta' ne bis in idem.	(8) Il-penali amministrattivi introdotti fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2023/xxxx***, bil-għan li jiġu armonizzati u proporzjonati li jiġu penalizzati r-reati tat-tniġġis mill-vapuri***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-infurzar tad-dritt amministrattiv u kriminali fir-rigward ***ta' dawn ir-***reati skont id-dritt nazzjonali tagħhom. Fl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2005/35/KE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-impożizzjoni ta' pieni kriminali u ta' penali amministrattivi tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-projbizzjoni ta' ne bis in idem.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-penali previsti mid-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jissaħħu billi tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-penali amministrattivi fl-Unjoni kollha. Sabiex jissaħħaħ l-effett deterrenti tal-penali	(9) Il-penali previsti mid-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jissaħħu billi tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti tal-penali amministrattivi fl-Unjoni kollha. Sabiex jissaħħaħ l-effett deterrenti tal-penali

imposti għar-reati ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri, tali penali jenħtieġ li jieħdu mill-anqas il-forma ta' multi imposti fuq il-kumpanija tal-vapur***, sakemm il-kumpanija tkun tista' turi li l-kaptan tal-vapur jew*** membru jew membri tal-ekwipaġġ***, dawn tal-aħħar li ma jaġixxux taħt ir-responsabbiltà tal-kaptan, kienu*** responsabbli għall-iskariku. F'dan il-kuntest, il-kumpanija tal-vapur tfisser is-sid tal-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew il-bareboat charterer, li jkun assuma r-responsabbiltà għall-operat tal-vapur mingħand sid il-vapur, f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis ("Kodiċi ISM")[24], implimentat fid-dritt tal-Unjoni bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25]. Id-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li tirrikonoxxi li l-ġestjoni tal-vapur tista' tiġi ddelegata mis-sid irreġistrat lil entità differenti, li mbagħad jenħtieġ li tinżamm l-ewwel nett responsabbli għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-obbligi tagħha skont il-Kodiċi ISM biex jiġi żgurat li tiġi evitata ħsara lill-ambjent jew l-assenjazzjoni ta' operazzjonijiet abbord lil persunal kwalifikat.

imposti għar-reati ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri, tali penali jenħtieġ li jieħdu mill-anqas il-forma ta' multi imposti ***kemm*** fuq il-kumpanija tal-vapur ***kif ukoll*** membru jew membri tal-ekwipaġġ responsabbli għall-iskariku. F'dan il-kuntest, il-kumpanija tal-vapur tfisser is-sid tal-vapur jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew il-bareboat charterer, li jkun assuma r-responsabbiltà għall-operat tal-vapur mingħand sid il-vapur, f'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis ("Kodiċi ISM")[24], implimentat fid-dritt tal-Unjoni bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25]. Id-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li tirrikonoxxi li l-ġestjoni tal-vapur tista' tiġi ddelegata mis-sid irreġistrat lil entità differenti, li mbagħad jenħtieġ li tinżamm l-ewwel nett responsabbli għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-obbligi tagħha skont il-Kodiċi ISM biex jiġi żgurat li tiġi evitata ħsara lill-ambjent jew l-assenjazzjoni ta' operazzjonijiet abbord lil persunal kwalifikat.

---

[24] Il-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea A.741(18) tal-4 ta' Novembru 1993, kif emendat.

[25] Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 64,

[24] Il-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Vapuri u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis adottat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea A.741(18) tal-4 ta' Novembru 1993, kif emendat.

[25] Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 64,

4.3.2006, p. 1).

4.3.2006, p. 1).

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji nazzjonali jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha meta jiddeterminaw il-livell ta' penali li għandhom jiġu imposti lin-niġġiesa. Filwaqt li titqies in-natura diversa tas-sustanzi niġġiesa koperti mid-Direttiva 2005/35/KE u l-importanza tal-applikazzjoni konsistenti tal-penali madwar l-Unjoni fid-dawl tan-natura transfruntiera tal-imġiba regolata, jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' penali permezz tal-istabbiliment ta' kriterji konkreti għall-applikazzjoni ta' penali għall-iskariki ta' sustanzi niġġiesa differenti. Sabiex jiġu żgurati ***l-*** kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-penali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni ta' dawn l-atti ta' implimentazzjoni.	(10) L-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji nazzjonali jenħtieġ li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha meta jiddeterminaw il-livell ta' penali li għandhom jiġu imposti lin-niġġiesa***. L-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jistabbilixxu sistema komprensiva u proporzjonali li tippenalizza r-reati tat-tniġġis mill-vapuri li tqis id-daqs tal-bastiment, in-natura u l-kwantità tal-iskart, u l-frekwenza tal-ksur, kollha filwaqt li tippromovi r-responsabbiltà ambjentali u tiskoraġġixxi t-tniġġis illegali***. Filwaqt li titqies in-natura diversa tas-sustanzi niġġiesa koperti mid-Direttiva 2005/35/KE u l-importanza tal-applikazzjoni konsistenti tal-penali madwar l-Unjoni fid-dawl tan-natura transfruntiera tal-imġiba regolata, jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' penali permezz tal-istabbiliment ta' kriterji konkreti għall-applikazzjoni ta' penali għall-iskariki ta' sustanzi niġġiesa differenti. Sabiex jiġu żgurati ***kundizzjonijiet ekwi u appoġġ wiesa' madwar l-Istati Membri għall-azzjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji li għandhom jittieħdu, huwa importanti li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi kemm jista' jkun tal-penali. Sabiex jiġu żgurati dawn il-*** kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-penali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26]. Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għall-adozzjoni ta' dawn l-atti ta'

implimentazzjoni.

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-miżuri ta' akkumpanjament għall-kooperazzjoni u l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri sa issa ma kinux biżżejjed biex jippermettu analiżi sħiħa dwar jekk in-niġġies jiffaċċjax penali effettivi, dissważivi u proporzjonati u jekk hemmx data adegwata disponibbli għall-Kummissjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE. Sabiex jiġi żgurat l-infurzar effettiv u konsistenti tad-Direttiva 2005/35/KE, l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza jenħtieġ li jiġi ffaċilitat permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-Kummissjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha data adegwata sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE.	(12) Il-miżuri ta' akkumpanjament għall-kooperazzjoni u l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri sa issa ma kinux biżżejjed biex jippermettu analiżi sħiħa dwar jekk in-niġġies jiffaċċjax penali effettivi, dissważivi u proporzjonati u jekk hemmx data adegwata disponibbli għall-Kummissjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE. Sabiex jiġi żgurat l-infurzar effettiv u konsistenti tad-Direttiva 2005/35/KE, l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza jenħtieġ li jiġi ffaċilitat permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-Kummissjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha data adegwata sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE. ***Id-drittijiet tal-membri tal-ekwipaġġ li jirrapportaw kwalunkwe reat li jiltaqgħu magħhom għandhom jiġu salvagwardjati b'mod diliġenti. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom ukoll jiskambjaw l-aħjar prattiki u azzjonijiet meħuda biex jipprevjenu l-iskart tal-baħar, inkluż l-iskart tas-sajd, kif aktar ekodisinn jista' jintuża biex jitnaqqas l-aktar skart tal-baħar komuni misjub u l-impatti tiegħu fuq l-ambjent, u azzjonijiet***

	tajbin skjerati biex jirkupraw skart tal-baħar li diġà jinsab fil-baħar.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jinkludi l-possibbiltà li l-Istati Membri jappoġġaw azzjonijiet biex itejbu l-ekodisinn ta' rkaptu tas-sajd kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ għall-prevenzjoni u l-irkupru tal-iskart tal-baħar.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Is-servizz eżistenti bbażat fuq is-satellita "CleanSeaNet" li jinnotifika lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar skariki illegali potenzjali, jenħtieġ li jkompli jittejjeb biex jinkludi informazzjoni dwar is-sustanzi niġġiesa addizzjonali taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE. L-informazzjoni relatata mal-iskariki potenzjali jew reali rrapportati mill-Istati Membri f'konformità mad-Direttiva 2005/35/KE u ma' bażijiet tad-data oħra tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, bħas-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima stabbilita bid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] ("SafeSeaNet") u l-Bażi tad-Data għall-Ispezzjonijiet stabbilita bid-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] ("THETIS") jenħtieġ li jiġu integrati u mxerrda f'format elettroniku faċli għall-utent lill-awtoritajiet nazzjonali	(13) Is-servizz eżistenti bbażat fuq is-satellita "CleanSeaNet" li jinnotifika lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar skariki illegali potenzjali, jenħtieġ li jkompli jittejjeb biex jinkludi informazzjoni dwar is-sustanzi niġġiesa addizzjonali taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE. L-informazzjoni relatata mal-iskariki potenzjali jew reali rrapportati mill-Istati Membri f'konformità mad-Direttiva 2005/35/KE u ma' bażijiet tad-data oħra tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, bħas-Sistema tal-Unjoni għall-Iskambju ta' Informazzjoni Marittima stabbilita bid-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27] ("SafeSeaNet") u l-Bażi tad-Data għall-Ispezzjonijiet stabbilita bid-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28] ("THETIS") jenħtieġ li jiġu integrati u mxerrda f'format elettroniku faċli għall-utent lill-awtoritajiet nazzjonali

involuti fil-katina tal-infurzar sabiex jiffaċilitaw ir-rispons f'waqtu tagħhom. Tali informazzjoni, meta tkun relatata ma' skariku reali jew potenzjali ta' residwu tas-Sistema ta' Tindif tal-Gass tal-Egżost minn vapur, jenħtieġ li tkompli titqassam awtomatikament lill-modulu ddedikat ta' THETIS stabbilit skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/253 ("THETIS-EU"), sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna b'azzjonijiet ta' infurzar imwettqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/802. Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri kollha, jenħtieġ li tiġi żgurata rata ta' verifika ta' 10 % fis-sena tat-twissijiet mibgħuta minn CleanSeaNet minn kull Stat Membru fl-ewwel 3 snin tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. L-aċċess għal din l-informazzjoni jenħtieġ li jingħata lill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra li għandhom interess fiha taħt ir-rwoli tagħhom bħala Stati tal-port li jmiss, l-Istati kostali affettwati mill-iskariku potenzjali jew mill-Istati tal-bandiera tal-vapur sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni transfruntiera effettiva u f'waqtha, jiġi minimizzat il-piż amministrattiv tal-attivitajiet ta' infurzar u fl-aħħar mill-aħħar jiġu ppenalizzati b'mod effettiv it-trasgressuri għall-ksur tad-Direttiva 2005/35/KE.

involuti fil-katina tal-infurzar sabiex jiffaċilitaw ir-rispons f'waqtu tagħhom. Tali informazzjoni, meta tkun relatata ma' skariku reali jew potenzjali ta' residwu tas-Sistema ta' Tindif tal-Gass tal-Egżost minn vapur, jenħtieġ li tkompli titqassam awtomatikament lill-modulu ddedikat ta' THETIS stabbilit skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/253 ("THETIS-EU"), sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna b'azzjonijiet ta' infurzar imwettqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/802. Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri kollha, jenħtieġ li tiġi żgurata rata ta' verifika ta' 10 % fis-sena tat-twissijiet mibgħuta minn CleanSeaNet minn kull Stat Membru fl-ewwel 3 snin tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. L-aċċess għal din l-informazzjoni jenħtieġ li jingħata lill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra li għandhom interess fiha taħt ir-rwoli tagħhom bħala Stati tal-port li jmiss, l-Istati kostali affettwati mill-iskariku potenzjali jew mill-Istati tal-bandiera tal-vapur sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni transfruntiera effettiva u f'waqtha, jiġi minimizzat il-piż amministrattiv tal-attivitajiet ta' infurzar u fl-aħħar mill-aħħar jiġu ppenalizzati b'mod effettiv ***u b'mod proporzjonali*** it-trasgressuri għall-ksur tad-Direttiva 2005/35/KE.

---

[27] Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

[28] Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

[27] Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

[28] Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Is-Sottogrupp dwar l-Iskart mill-Vapuri, li kien ġie stabbilit fil-qafas tal-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli, u li laqqa' flimkien firxa wiesgħa ta' esperti fil-qasam tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-ġestjoni ta' skart mill-vapuri, ġie differit f'Diċembru 2017 minħabba l-bidu ta' negozjati interistituzzjonali tad-Direttiva (UE) 2019/883. Peress li dak is-Sottogrupp temporanju pprovda gwida u għarfien espert siewja lill-Kummissjoni, jenħtieġ li jinħoloq grupp ta' esperti simili b'mandat ta' skambju ta' esperjenza dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex jassisti lill-Istati Membri fil-bini tal-kapaċità tagħhom li jidentifikaw u jivverifikaw inċidenti ta' tniġġis u jiżguraw l-infurzar effettiv tad-Direttiva 2005/35/KE.	(14) Is-Sottogrupp dwar l-Iskart mill-Vapuri, li kien ġie stabbilit fil-qafas tal-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli, u li laqqa' flimkien firxa wiesgħa ta' esperti fil-qasam tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-ġestjoni ta' skart mill-vapuri, ġie differit f'Diċembru 2017 minħabba l-bidu ta' negozjati interistituzzjonali tad-Direttiva (UE) 2019/883. Peress li dak is-Sottogrupp temporanju pprovda gwida u għarfien espert siewja lill-Kummissjoni, jenħtieġ li jinħoloq grupp ta' esperti simili b'mandat ta' skambju ta' esperjenza dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex jassisti lill-Istati Membri fil-bini tal-kapaċità tagħhom li jidentifikaw u jivverifikaw inċidenti ta' tniġġis u jiżguraw l-infurzar effettiv tad-Direttiva 2005/35/KE. ***Huwa wkoll importanti li jiġu inklużi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha f'dawn is-sottogruppi, inkluż is-settur tas-sajd.***

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("EMSA") stabbilita bir-Regolament (UE) xxxx/xxxx[29] jenħtieġ li tipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.	(15) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("EMSA") stabbilita bir-Regolament (UE) xxxx/xxxx[29] jenħtieġ li tipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li wkoll tutilizza d-data miġbura mill-EFCA, fejn xieraq, speċjalment fir-rigward tal-irkaptu tas-sajd mitluf.***

[29] ĠU L xxxx.

[29] ĠU L xxxx.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-iskariki tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri ***u*** tittejjeb il-protezzjoni ambjentali, l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li ssir disponibbli għall-pubbliku permezz ta' ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni u tinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 2005/35/KE. Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] għandha l-għan li tiggarantixxi d-dritt tal-aċċess għal informazzjoni ambjentali fl-Istati Membri skont l-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus), li l-Unjoni hija parti minnha. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tirċievi l-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4/KE.	(18) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-iskariki tat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri **,** tittejjeb il-protezzjoni ambjentali***, tikkontribwixxi għall-għan li tiġi restawrata n-natura u tirrispetta l-impenji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew***, l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li ssir disponibbli għall-pubbliku permezz ta' ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni u tinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 2005/35/KE. ***Għal dan il-għan, huwa essenzjali li tiġi pprovduta statistika dwar in-numru u l-post ta' skariki misjuba mis-sistema CleanSeaNet, u li jiġi ppubblikat rapport annwali li jkun fih id-data riċevuta, in-numru ta' skariki li ġew verifikati u kkonfermati, u n-numru ta' penali amministrattivi u kriminali li ġew applikati.*** Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] għandha l-għan li tiggarantixxi d-dritt tal-aċċess għal informazzjoni ambjentali fl-Istati Membri skont l-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus), li l-Unjoni hija parti minnha. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tirċievi l-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/4/KE.

[30] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

[30] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Għaddejjin diskussjonijiet fl-IMO dwar kwistjonijiet ambjentali ġodda fir-rigward tat-tbaħħir internazzjonali, li jirriżultaw kemm fit-tniġġis tal-ilma kif ukoll fl-arja. Dawn jinkludu s-sustanzi niġġiesa tal-ilma tal-iskart fil-baħar, bħat-telf ta' kontejners u ta' pellets tal-plastik, u l-istorbju taħt l-ilma u s-sustanzi niġġiesa tal-arja bħall-karbonju iswed. Dawn id-diskussjonijiet jistgħu jirriżultaw f'regolamenti ġodda skont il-Marpol 73/78. Barra minn hekk, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] tirrikjedi li l-Istati Membri jiksbu status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar, li tinkludi, fost l-oħrajn, l-iskart fil-baħar u l-istorbju taħt l-ilma mill-vapuri bħala deskritturi kwalitattivi. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2023/xxxx[35] tistabbilixxi valuri ta' limitu għad-diossidu tan-nitroġenu (NO2) li jirriżultaw mill-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu (NOx). L-attivitajiet tat-tbaħħir jikkontribwixxu għal livelli ogħla ta' NO2 fiż-żoni kostali u tal-portijiet. F'dan l-isfond, rieżami futur tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jqis żviluppi ġodda u l-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina l-possibbiltà li timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jekk xieraq, fid-dawl ta' kwalunkwe standard internazzjonali ġdid skont il-Marpol 73/78. Rieżami futur jenħtieġ li jivvaluta l-possibbiltà li jiġi mmodifikat il-kamp ta'	(21) Għaddejjin diskussjonijiet fl-IMO dwar kwistjonijiet ambjentali ġodda fir-rigward tat-tbaħħir internazzjonali, li jirriżultaw kemm fit-tniġġis tal-ilma kif ukoll fl-arja. Dawn jinkludu s-sustanzi niġġiesa tal-ilma tal-iskart fil-baħar, bħat-telf ta' kontejners u ta' pellets tal-plastik, u l-istorbju taħt l-ilma u s-sustanzi niġġiesa tal-arja bħall-karbonju iswed. Dawn id-diskussjonijiet jistgħu jirriżultaw f'regolamenti ġodda skont il-Marpol 73/78***. Rieżami futura ta' Marpol 73/79 jenħtieġ li tinkludi wkoll tniġġis żero mill-(mikro)plastiks u l-PFAS***. Barra minn hekk, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34] tirrikjedi li l-Istati Membri jiksbu status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar, li tinkludi, fost l-oħrajn, l-iskart fil-baħar u l-istorbju taħt l-ilma mill-vapuri bħala deskritturi kwalitattivi. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2023/xxxx[35] tistabbilixxi valuri ta' limitu għad-diossidu tan-nitroġenu (NO2) li jirriżultaw mill-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu (NOx). L-attivitajiet tat-tbaħħir jikkontribwixxu għal livelli ogħla ta' NO2 fiż-żoni kostali u tal-portijiet. F'dan l-isfond, rieżami futur tad-Direttiva 2005/35/KE jenħtieġ li jqis żviluppi ġodda u l-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina l-possibbiltà li timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jekk xieraq, fid-dawl ta' kwalunkwe standard

applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE, jekk xieraq, biex jiġu inkorporati l-emissjonijiet ta' SOx u NOx, kif regolati fl-Anness VI tal-Marpol, abbażi tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/802 u dwar l-iżvilupp u l-maturità tal-monitoraġġ u l-identifikazzjoni tal-emissjonijiet ta' SOx u NOx mill-vapuri, bil-ħsieb li jiġi żgurat reġim ta' infurzar koerenti, effiċjenti u effettiv, kif ukoll l-impożizzjoni ta' penali dissważivi għalihom, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero u, b'mod partikolari, l-Inizjattiva Ewlenija 5 tiegħu"Ninfurzaw flimkien it-tniġġis żero".

internazzjonali ġdid skont il-Marpol 73/78. Rieżami futur jenħtieġ li jivvaluta l-possibbiltà li jiġi mmodifikat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35/KE, jekk xieraq, biex jiġu inkorporati l-emissjonijiet ta' SOx u NOx, kif regolati fl-Anness VI tal-Marpol, abbażi tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/802 u dwar l-iżvilupp u l-maturità tal-monitoraġġ u l-identifikazzjoni tal-emissjonijiet ta' ***CO2*** SOx u NOx mill-vapuri, bil-ħsieb li jiġi żgurat reġim ta' infurzar koerenti, effiċjenti u effettiv, kif ukoll l-impożizzjoni ta' penali dissważivi għalihom, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero u, b'mod partikolari, l-Inizjattiva Ewlenija 5 tiegħu"Ninfurzaw flimkien it-tniġġis żero".

[34] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

[35] ĠU L xxxx.

[34] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

[35] ĠU L xxxx.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tinkorpora fid-dritt tal-Unjoni standards internazzjonali dwar it-tniġġis mill-vapuri u li tiżgura li l-persuni responsabbli għall-iskariku illegali ta' sustanzi niġġiesa jkunu soġġetti għal penali amministrattivi dissważivi, effettivi u proporzjonati sabiex tittejjeb is-sikurezza marittima u tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar mit-	1. L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tinkorpora fid-dritt tal-Unjoni standards internazzjonali dwar it-tniġġis mill-vapuri u li tiżgura li l-persuni responsabbli għall-iskariku illegali ta' sustanzi niġġiesa jkunu soġġetti għal penali amministrattivi dissważivi, effettivi u proporzjonati sabiex tittejjeb is-sikurezza marittima***, tikkontribwixxi għall-għan li tiġi***

tniġġis mill-vapuri.	***restawrata n-natura, tirrispetta l-impenji tal-Patt Ekoloġiku Ewropew*** u tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar mit-tniġġis mill-vapuri.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. "sustanzi niġġiesa" tfisser sustanzi soġġetti għar-regolamentazzjoni mill-Marpol 73/78 Annessi I (żejt), II (sustanzi likwidi noċivi bl-ingrossa), III (sustanzi ta' ħsara li jinġarru bil-baħar f'forma imballata), IV (drenaġġ mill-vapuri), V (żibel mill-vapuri) u residwu tas-Sistema ta' Tindif tal-Gass tal-Egżost;	2. "sustanzi niġġiesa" tfisser sustanzi soġġetti għar-regolamentazzjoni mill-Marpol 73/78 Annessi I (żejt), II (sustanzi likwidi noċivi bl-ingrossa), III (sustanzi ta' ħsara li jinġarru bil-baħar f'forma imballata), IV (drenaġġ mill-vapuri), V (żibel mill-vapuri) u residwu tas-Sistema ta' Tindif tal-Gass tal-Egżost***fl-aħħar verżjoni aġġornata tagħha***;

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. "Dannu" tirreferi għal ħsara fiżika aċċidentali li ddgħajjef il-valur, l-utilità, jew il-funzjoni normali tal-vapur jew tat-tagħmir tiegħu, u ma tinkludix it-tkagħbir bl-użu ta' rutina.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jieħu ***l-*** miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun wettqet xi ksur fis-sens tal-paragrafu 1 tinżamm responsabbli għalih.;	2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri ***kollha*** meħtieġa sabiex jiżgura li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun wettqet xi ksur fis-sens tal-paragrafu 1 tinżamm responsabbli għalih.;

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-iskariku ta' sustanzi niġġiesa soġġetti għar-regolament mill-Annessi I, II u VI tal-Marpol 73/78 fiż-żoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (c), (d) u (e) ma għandux jitqies bħala ksur għall-kumpanija, għall-kaptan jew għall-ekwipaġġ, ***jekk*** jiġu ssodisfati ***ż-żewġ*** kundizzjonijiet li ġejjin:	1. L-iskariku ta' sustanzi niġġiesa soġġetti għar-regolament mill-Annessi I, II u VI tal-Marpol 73/78 fiż-żoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (c), (d) u (e) ma għandux jitqies bħala ksur għall-kumpanija, għall-kaptan jew għall-ekwipaġġ ***jekk ikun riżultat dirett ta' forza maġġuri; ġustifikat biss jekk tiġi pprovduta evidenza konvinċenti; jew jekk*** jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ***kollha*** li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

Pereżempju: Inċidenti ta' navigazzjoni mhux previsti, ħabtiet ma' bastimenti oħra, jew inċidenti li jinvolvu ostakli taħt l-ilma, bħal kontenituri jew radam mgħaddsa, li jirriżultaw fi ħsara lit-tagħmir tal-vapur u jwasslu għal skariki li jniġġsu mhux intenzjonati. F'tali każijiet, il-kumpanija, il-kaptan jew l-ekwipaġġ tal-vapur jistgħu jkunu eżenti mir-responsabbiltà jekk jistgħu juru li ħadu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha biex jipprevjenu jew jimminimizzaw l-iskariku ladarba seħħ l-inċident.

Kundizzjonijiet tat-temp estremi u mhux mistennija, rispons għal kriżi jew emerġenza, eċċ...

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-iskariku ġie rrapportat immedjatament lill-awtoritajiet wara li seħħ.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(bb) Il-kumpanija, il-kaptan, jew l-ekwipaġġ għandhom jipprovdu evidenza dokumentarja jew reġistri li jagħtu dettalji dwar il-prekawzjonijiet meħuda biex jipprevjenu jew jimminimizzaw l-iskariku fuq talba mill-awtoritajiet rilevanti.**

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-kumpanija, il-kaptan jew l-ekwipaġġ responsabbli għad-danni jkun aġixxa bl-intenzjoni li jikkawża dannu jew bi traskuraġni u bl-għarfien li x'aktarx ikun hemm dannu.;	2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-kumpanija, il-kaptan jew l-ekwipaġġ responsabbli għad-dannu jkunu aġixxew bl-intenzjoni li jikkawżaw dannu ***b'mod negliġenti*** jew bi traskuraġni u bl-għarfien li x'aktarx ikun hemm dannu. ***L-aġir kontra r-regoli tas-sikurezza, il-prattiki tajba, u li jiġi injorati t-twissijiet b'mod partikolari, meta jintwera li r-riskji ttieħdu b'għarfien sħiħ tal-periklu***;

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu programmi edukattivi u ta' taħriġ bħala parti mis-sistema ta' penali, filwaqt li jiżguraw li l-operaturi tas-sajd, il-kaptani, u l-ekwipaġġi jkunu infurmati dwar l-aħjar prattiki u l-importanza tal-konformità.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 8d – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-kontenut u l-kwantità ta' skart mormi bħala fatturi aggravanti;

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu l-penali skont il-kontenut speċifiku tal-iskart mormi u jiddifferenzjaw bejn tipi differenti ta' skart, sabiex jassenjaw penali ogħla għall-iskariku illegali ta' materjali b'riskju ambjentali akbar.

L-Istati Membri għandhom joħolqu kategoriji ta' penali bbażati fuq il-volum jew il-kwantità ta' skart mormi. Skariki iżgħar jistgħu jirċievu penali aktar baxxi, filwaqt li skariki akbar jew aktar sinifikanti jirriżultaw f'multi ogħla.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 8d – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) kategoriji tad-daqs tal-vapur;

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu struttura ta' penali f'livelli fejn il-multi jew il-penali jiżdiedu mad-daqs tal-bastiment. Vapuri akbar jistgħu jiffaċċjaw multi aktar sostanzjali meta mqabbla ma' dawk iżgħar għal reati simili.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 8d – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-ħsara kkawżata mill-iskariku lill-ambjent jew lis-saħħa tal-bniedem;	(c) il-ħsara kkawżata mill-iskariku lill-ambjent jew lis-saħħa tal-bniedem***, il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u l-kost tar-restawr ambjentali***;

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri huma mħeġġa jwettqu valutazzjoni tal-impatt ambjentali tar-reat, billi jqisu fatturi bħas-sensittività tal-ekosistema lokali, il-ħsara potenzjali lill-annimali selvaġġi, u l-ħsara liż-żoni kostali, u b'hekk jaġġustaw il-penali bbażati fuq is-severità tal-impatt ambjentali, b'enfasi fuq il-mitigazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi affettwati.

Il-penali għandhom ikopru l-kostijiet meħtieġa biex tiġi rimedjata l-ħsara ambjentali kkawżata mill-iskariku illegali, u jiżguraw li min iniġġes jerfa' r-responsabbiltà finanzjarja għall-isforzi ta' tindif u ta' restawr.

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 8d – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) miżuri meħuda mill-persuna jew kumpanija responsabbli biex tinforma lill-

	awtoritajiet kompetenti, jew ġerarkija fil-każ ta' impjegat tal-kumpanija;

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jistgħu jqisu penali mnaqqsa għal dawk l-individwi li jinfurmaw lill-awtoritajiet jew, jekk huma impjegati, lis-superviżuri tagħhom għal ksur bħala mod biex jibbilanċjaw ir-responsabbiltà u l-kooperazzjoni filwaqt li jippromovu r-responsabbiltà ambjentali. Dan jista' jinkoraġġixxi l-onestà, l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, u sforzi ta' rimedju fil-pront filwaqt li jiżgura l-ġustizzja u l-ekwità fit-trattament tal-ksur ambjentali.

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 8d – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) ***kwalunkwe ksur*** preċedenti mill-persuna responsabbli.	(h) ***ammont u volum ta' ksur*** preċedenti mill-persuna responsabbli.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw sistema li żżid il-penali għal reati reċidivi. Pereżempju, għal kull reat sussegwenti mwettaq mill-istess vapur, il-peali tista' tiġi mmultiplikata. Hija prerogattiva li jiġu definiti limiti ċari għan-numru ta' reati ripetuti u li jiġi speċifikat il-multiplikatur li għandu jiġi applikat f'kull każ. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw li jżidu l-penali b'mod esponenzjali għal trasgressuri abitwali biex joħolqu deterrent qawwi kontra ksur persistenti.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 8d – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) Il-firxa tal-ħsara kkawżata mill-iskariku lill-ħajja tal-baħar, inklużi l-popolazzjonijiet tal-ħut, u l-impatt sussegwenti tagħha fuq l-attivitajiet tas-

sajd u l-komunitajiet kostali.

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 8d – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(hb) F'żoni ta' attività sinifikanti tas-sajd, l-Istati Membri huma mħeġġa jinfurzaw mekkaniżmi ta' monitoraġġ imsaħħa u jikkunsidraw penali aktar stretti u dissważivi biex jiskoraġġixxu l-ksur.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 8d – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom iqisu l-obbligi li joħorġu minn atti oħra tal-Unjoni bħar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 dwar il-Kontroll tas-Sajd meta jimplimentaw l-obbligi taħt il-paragrafu 1.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari dik li tikkonċerna ż-żoni fejn ikunu seħħew inċidenti ta' tniġġis ikkawżat mill-vapuri,

tinxtered mal-komunitajiet tas-sajd fil-ħin u b'mod li jkun jinftiehem mill-awtoritajiet nazzjonali jew lokali.

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw fl-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u azzjonijiet meħuda biex jipprevjenu l-iskart tal-baħar, inkluż l-iskart tas-sajd, kif aktar ekodisinn jista' jintuża biex jitnaqqas l-aktar skart tal-baħar komuni misjub u l-impatti tiegħu fuq l-ambjent, u azzjonijiet tajbin skjerati biex jirkupraw skart tal-baħar li diġà jinsab fil-baħar.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi għall-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-esperti tal-Istati Membri, inklużi dawk mis-settur privat, mis-soċjetà ċivili u mit-trade unions, dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva madwar l-Unjoni, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti prattiki u linji gwida komuni dwar l-infurzar ta' din id-Direttiva.;	2. Il-Kummissjoni għandha tipprevedi għall-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali, is-sajjieda u l-esperti tal-Istati Membri, inklużi dawk mis-settur privat, mis-soċjetà ċivili u mit-trade unions, u ***rappreżentanti minn komunitajiet u assoċjazzjonijiet tas-sajd*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva madwar l-Unjoni, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti prattiki u linji gwida komuni dwar l-infurzar ta' din id-Direttiva.;

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 10a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw ukoll fuq il-miżuri meħuda fir-rigward tal-prevenzjoni u l-irkupru ta' skart tal-baħar kif ukoll azzjonijiet biex jissostitwixxu materjali f'irkaptu u prodotti użati fuq il-baħar, bħal kontenituri u ppakkjar tal-polistiren espandut, kif xieraq, filwaqt li jitqiesu obbligi oħra ta' rapportar taħt atti oħra tal-Unjoni.

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 10b - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Dan it-taħriġ għandu jinkludi wkoll moduli dwar l-impatt ekoloġiku tat-tniġġis tal-baħar, b'enfasi speċifika fuq l-implikazzjonijiet għall-popolazzjonijiet tal-ħut, għaż-żoni tat-tnissil, u għax-xejriet migratorji. L-esperti mis-settur tas-sajd għandhom jiġu mistiedna jikkontribwixxu għal dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ u jipparteċipaw fihom, filwaqt li joffru għarfien u fehim diretti dwar l-effetti tat-tniġġis fuq l-attivitajiet tas-sajd u l-ħajja tal-baħar. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex ixerrdu l-fehim u l-informazzjoni ewlenin minn dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ lill-komunitajiet tas-sajd, filwaqt li jiżguraw li jkunu infurmati tajjeb u armati biex jiżvolġu rwol kollaborattiv biex jitħarsu l-objettivi ta'

din id-Direttiva.

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 10c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Abbażi tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 10a, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku ħarsa ġenerali aġġornata regolarment madwar l-Unjoni dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva. Il-ħarsa ġenerali għandha tinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Anness II ta' din id-Direttiva.	1. Abbażi tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 10a ***kif ukoll informazzjoni rilevanti riċevuta taħt atti oħra tal-Unjoni, bħar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 fir-rigward tal-irkaptu tas-sajd mitluf***, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku ħarsa ġenerali aġġornata regolarment madwar l-Unjoni dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva. Il-ħarsa ġenerali għandha tinkludi l-informazzjoni elenkata fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 10d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa ***u*** żżomm kanal ta' rapportar estern online kunfidenzjali biex tirċievi rapporti, skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1937[40] dwar ksur potenzjali ta' din id-Direttiva u għandha tgħaddi dawn ir-rapporti lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kkonċernat(i).	1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa***,*** żżomm ***u tagħmel faċilment aċċessibbli għall-pubbliku,*** kanal ta' rapportar estern online kunfidenzjali biex tirċievi rapporti, skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1937[40] dwar ksur potenzjali ta' din id-Direttiva u għandha tgħaddi dawn ir-rapporti lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kkonċernati.
[40] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta'	[40] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta'

Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).	Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 10d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jirċievu rapporti ta' ksur ta' din id-Direttiva, sottomessi permezz tal-kanal imsemmi fil-paragrafu 1, jipprovdu feedback u segwitu dwar dawk ir-rapporti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1937.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jirċievu rapporti ta' ksur ta' din id-Direttiva, sottomessi permezz tal-kanal imsemmi fil-paragrafu 1, ***jinvestigaw, fejn xieraq, jaġixxu fuq, u*** jipprovdu feedback u segwitu ***fil-pront*** dwar dawk ir-rapporti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1937.

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 10d – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li individwi li jirrapportaw ksur potenzjali fi ħdan din id-Direttiva ma jsofru l-ebda konsegwenza ħażina fuq l-impjieg, fastidju, theddid, jew diskriminazzjoni bħala riżultat tal-iżvelar tagħhom. L-identità tal-informaturi għandha tinżamm kunfidenzjali sal-limitu permess mil-liġi. L-informaturi ma għandhomx jitqiesu responsabbli għall-iżvelar tagħhom, sakemm dan isir in bona fide u mingħajr malizzja.

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) informazzjoni rilevanti miġbura taħt atti oħra tal-Unjoni, bħar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18
Direttiva 2005/35/KE
Artikolu 12a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha wkoll tiġbor l-informazzjoni li l-Istati Membri jkunu ssottomettew skont il-paragrafu 2a tal-Artikolu 10a u tivvaluta jekk humiex meħtieġa aktar azzjonijiet fil-livell tal-UE u tippreżenta, kif xieraq, proposti għal dak il-għan.

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-Rapporteur irċeviet kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Ebda input

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis
Referenzi	COM(2023)0273 – C9-0187/2023 – 2023/0171(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 10.7.2023
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	il-Kumitat PECH 10.7.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Cláudia Monteiro de Aguiar 12.9.2023
Eżami fil-kumitat	9.10.2023
Data tal-adozzjoni	9.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, François-Xavier Bellamy, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Anja Haga, Anja Hazekamp, Niclas Herbst, Jan Huitema, Ladislav Ilčić, France Jamet, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Marc Tarabella, Theodoros Zagorakis
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cláudia Monteiro de Aguiar, Elżbieta Rafalska, Lucia Vuolo
Sostituti skont l-Artikolu 209(7) preżenti għall-votazzjoni finali	Iskra Mihaylova

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

21	+
ECR	Ladislav Ilčić, Elżbieta Rafalska
NI	Marc Tarabella
PPE	François-Xavier Bellamy, Anja Haga, Niclas Herbst, Francisco José Millán Mon, Cláudia Monteiro de Aguiar, Lucia Vuolo, Theodoros Zagorakis
Renew	Asger Christensen, Jan Huitema, Iskra Mihaylova
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Predrag Fred Matić
The Left	Anja Hazekamp
Verts/ALE	Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro

0	-

1	0
ID	France Jamet

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni